



Brussell, 8 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9318/1/21
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0249(COD)

CODEC 798
JAI 655
FRONT 207
VISA 110
SIRIS 51
CADREFIN 269
COMIX 291

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 77(2) u 79(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2019³.

¹ 10151/18 + ADD 1.

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 184-188.

³ 7403/19.

5. Fl-1 ta' Marzu 2021 il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ikkonferma l-qbil proviżorju u fit-2 ta' Marzu 2021 il-president tiegħu baġat ittra lill-president tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
6. Fl-10 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill⁴ jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 6487/21 + REV 1 (ro) + COR 1 (cs), u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 6487/21 ADD 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.

⁴ Id-Danimarka u l-Irlanda mhumieq qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumieq marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.